

Il-kwalità tal-impjeggi offruti fis-settur tvarja b'mod wiesa' u hemm b'żonn ta' ħafna sforzi sabiex titjieb ir-reputazzjoni ġenerali tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija. Il-ħaddiema tal-aġenziji jeħtieġu protezzjoni u impjeggi ta' kwalità. Fl-istess ħin, qafas xieraq jista' jippermetti li x-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija jikkontribwixxi aħjar għall-ħolqien tal-impjeggi u għall-iżvilupp ta' forom flessibbli ta' ħidma fl-UE.

Kien għalhekk li f'**Novembru 2008 ġiet adottata direttiva fuq livell tal-UE**. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta fl-2002 iżda n-negożjati kienu diffiċli minħabba li s-sitwazzjonijiet kienu jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor. **Is-27 Stat Membru tal-UE issa se jridu jadottaw id-dispożizzjonijiet legali meħtieġa biex jikkonformaw mad-direttiva sa mhux aktar tard minn Diċembru 2011.**

Id-direttiva għandha ambitu wiesa' ħafna u tkopri kull settur ekonomiku — madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawhiex għar-relazzjonijiet tax-xogħol konklużi taħt programm ta' taħriġ vokazzjonali, integrazzjoni jew taħriġ mill-ġdid, appoġġjat b'mod pubbliku.

Hawnhekk se jridu jissemmew il-kwistjonijiet ewlenin li tindirizza d-direttiva.

It-trattament indaqs fl-impriżi tal-utenti

Waqf kull waħda mill-assenjazzjonijiet lil impriża ta' utent u mill-ewwel ġurnata ta' din l-assenjazzjoni, il-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjeg tal-ħaddiem tal-aġenzija għandhom ikunu tal-anqas dawk li japplikaw li kieku huwa/hija kienet ġiet rekrutata direttament minn dik il-kumpanija biex tokkupa l-istess impjeg.

B'mod konkret, kull darba li jkun hemm regoli fis-seħħ — pereżempju leġiżlazzjoni, dispożizzjonijiet amministrattivi jew ftehim kollettiv — li skontraw il-ħaddiema tal-impriża tal-utenti jkun intitolati għal ċertu livell ta' ħlas, l-aġenzija tax-xogħol temporanju għandha tagħti lill-ħaddiem tal-anqas l-istess ħlas, daqsliki jkun l-kumpanija tal-utent tkun iddeċidiet li timpjegha direttament. Ovvjament, il-ħlas tal-paga x'aktarx li jkun jiddependi fuq il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persuna impjegata.

Inqas projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija

Billi tistabbilixxi regoli minimi, id-direttiva ttejjeb il-ħarsien tal-ħaddiema tal-aġenziji, biex b'hekk tħalli impatt pożittiv fuq il-kwalità u l-pożizzjoni tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija. Dan jiġġustifika attitudni aktar miftuħa lejn l-iżvilupp ta' din il-forma ta' xogħol.

Fl-imġhod, l-Istati Membri introduċew restrizzjonijiet għall-possibbiltà li l-kumpaniji jużaw ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija: pereżempju, l-assenjazzjonijiet għall-impriżi tal-utenti kienu possibbli biss għal ċerti raġunijiet speċifiċi, jew għal tul ta' żmien limitat, jew inkella r-rikors għax-xogħol tal-aġenziji kien ipprobit għal kolli f'xi setturi ekonomiċi.

Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet kollha fuq l-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija jridu jiġu riveduti u mrażżna sakemm ma jkunux iġġustifikati għal raġunijiet ta' interess ġenerali. Tali raġunijiet għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari mal-protezzjoni tal-ħaddiema tal-aġenziji, ir-rikwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jew il-ħtieġa li jiġi assigurat li s-suq tax-xogħol ikun jiffunzjona sewwa u li jinqatgħu l-abbużi.

Għal aktar taħriġ

- Test tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija:

<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:327:0009:0014:MT:PDF>

- Il-liġi tax-xogħol tal-UE:

http://ec.europa.eu/labour_law



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprietarju(i) tad-dritt tal-awtur.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

KE-31-09-122-MT-D

Il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema temporanji tal-aġenziji fl-Unjoni Ewropea



© iStock



Direttiva dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija – għaliex?

Normalment ikun hemm żewġ partijiet involuti f'relazżjoni ta' impjeg: dak li jħaddem u l-ħaddiem. Fil-każ tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, tkun involuta wkoll terza parti, l-impriża tal-utent. Il-ħaddiema temporanji tal-aġenziji jiġu impjegati u mħallsa minn aġenzija ta' xogħol temporanju, iżda dawn jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' kumpaniji oħrajn fuq bażi temporanja u jaħdmu taħt is-superviżjoni tagħhom.

Ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija kompli jżied b'mod stabbli u bħalissa jammonta għal **madwar 2 % tal-impjeggi totali fl-UE**. Kull sena, madwar 10 miljun ruħ jaġmlu xogħol permezz tal-aġenziji tax-xogħol temporanju f'xi żmien jew ieħor — il-fenomenu huwa partikolarment mifruq fir-Renju Unit, fejn jikkonċerna aktar minn 4 % tal-popolazzjoni li taħdem, kif ukoll fi Franza, fil-Ġermanja u fl-Olanda.

Din il-forma ta' xogħol tissodisfa ħtieġa reali tal-kumpaniji li jaġmlu użu minnha: hija tagħtiom iċ-ċans, pereżempju, li jiġġestixxu l-aktar ħinijiet intensivi fil-produzzjoni jew li jissostitwixxu l-impjegati assenti b'ċerta faċilità. Il-ħaddiema jaħdmu permezz tal-aġenziji tax-xogħol temporanju għal raġunijiet varji ħafna, kemm jekk għal ftit xhur kif ukoll jekk għal bosta snin; ħafna drabi dawn ikunu qegħdin ifittxu li dan ix-xogħol iwassalhom għal forom ta' xogħol aktar permanenti, jew inkella għax jaqta' importanza lill-flessibbiltà offruta mill-aġenziji.

Kont taf ...?

Ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija huwa tip ta' xogħol magħruf sewwa f'għadd ta' Stati Membri, fejn kien soġġett għal regolazzjoni sa mis-sittinijiet jew is-sebgħinijiet, pereżempju fl-Olanda, fi Franza, fil-Ġermanja u fir-Renju Unit. F'xi Stati Membri, ix-xogħol tal-aġenziji huwa fenomenu ħafna aktar riċenti. Jeżistu wkoll differenzi kbar bejn il-pajjiżi fir-rigward kemm tas-setturi ekonomiċi kienet huwa żviluppat l-aktar u kemm tat-tul ta' żmien għall-assenjazzjonijiet lill-impriżi tal-utenti — jekk hux jiem, xhur jew snin.



Kummissjoni Ewropea

Kont taf ...?

Il-ħlas tal-paga mhuwiex limitat għall-paga bażika: huwa kunċett kumpless u l-komponenti tiegħu jistgħu jvarjaw minn sistema legali għal oħra. L-Istati Membri jiddeterminaw l-ambitu tal-ħlas u jispeċifikaw jekk dan jinkludix jew le skemi ta' sigurtà soċjali fuq ix-xogħol, b'mod partikolari l-pensjoni, il-ħlas għall-mard jew skemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja.

It-trattament indaqs japplika wkoll għat-tul tal-ħin tax-xogħol, is-sahra, kif ukoll il-ħin ta' waqfien mix-xogħol, il-perjodi ta' mistrieħ, ix-xogħol ta' bil-lejl, il-vaganzi u l-btajjel pubbliċi: il-ħaddiema impjegati permezz tal-aġenziji għandhom jibbenifikaw mill-istess kundizzjonijiet bħall-ħaddiema li jiġu impjegati mill-kumpanija meta huma jaħdmu fuq bażi ta' kuljum, sa fejn dawn il-kundizzjonijiet jitqiesu bħala obbligatorji għall-ħaddiema tal-kumpanija tal-utent.

Għan-nisa tqal u l-ommijiet li għandhom qegħdin iredgħu lit-trabi tagħhom, kwalunkwe regola fis-seħħ fl-impriża tal-utent li tikkonċerna l-ħarsien tagħhom, sejra tkun applikabbli wkoll għall-ħaddiema impjegati permezz tal-aġenziji. L-istess jgħodd għar-regoli dwar it-trattament indaqs għall-irġiel u n-nisa u għal kwalunkwe azzjoni meħuda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon, it-twemmin, diżabilitajiet, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

Id-direttiva tippermetti li jsiru derogi mill-prinċipju tat-trattament indaqs; madankollu, taħt kundizzjonijiet stretti ħafna.

- F'xi Stati Membri, il-ħaddiema temporanji tal-aġenziji jistgħu jiġu offruti kuntratt ta' xogħol permanenti mal-aġenzija u jkomplu jitħallsu bejn assenjazzjoni u oħra li jingħataw. F'ċerti ċirkostanzi, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu eżenzjoni mill-prinċipju tal-ħlas indaqs.
- Hemm pajjiżi fejn ix-xogħol tal-aġenziji jiġi rregolat ukoll jew primarjament minn ftehimiet kollettivi bejn l-imsieħba soċjali. Wara li jikkonsultaw magħhom, l-Istati Membri jistgħu jagħtuhom l-għażla li jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jistabbilixxu arranġamenti li jistgħu jkunu differenti mit-trattament indaqs. Il-ħarsien ġenerali tal-ħaddiema tal-aġenziji għandu jinżamm fiċ-ċirkostanzi kollha.
- Taħt kundizzjonijiet stretti u fuq il-bażi ta' ftehim konkluż mill-imsieħba soċjali, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu derogi mill-prinċipju tat-trattament indaqs. F'dan il-kuntest, huma jistgħu jistabbilixxu perjodu ta' kwalifikazzjoni għal trattament indaqs.

Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri jridu jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-abbuż, u speċjalment biex jipprevjenu assenjazzjonijiet suċċessivi mfasslin biex jaħarbu jew biex iduru mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva.



© iStock

Aċċess imtejjeb għal impjieg permanenti, il-faċilitajiet kollettivi u t-taħriġ vokazzjonali

L-impriżi tal-utenti ta' spiss juru x-xewqa li jimpjegaw persuni li jkunu ħadmu fl-istabbiliment tagħhom bħala ħaddiema temporanji ta' aġenzija u li b'hekk ikunu kisbu esperjenza fix-xogħol. Il-ħaddiema temporanji tal-aġenziji għandhom jingħataw kull opportunità biex isibu xogħol permanenti jekk din tkun ix-xewqa tagħhom.

Sabiex jagħmlu dan aktar faċli, il-ħaddiema tal-aġenziji għandhom jiġu **informati dwar kwalunkwe post tax-xogħol battal fl-impriża tal-utent**. Barra minn hekk, għandu jkun ipprobit għall-aġenziji tax-xogħol temporanju li jfixxlu lill-ħaddiema tal-aġenziji milli jiġu impjegati mill-kumpanija tal-utent ladarba l-assenjazzjoni tagħhom tkun waslet fi tmiemha jew li jiċċarġjaw xi flus lill-ħaddiema tagħhom f'dik iċ-ċirkustanza.

Minbarra dan, minn perspettiva Prattika, il-ħaddiema temporanji tal-aġenziji għandhom l-istess ħtiġijiet bħall-membri tal-persunal tal-istabbiliment fejn fil-fatt jaħdmu, irrispettivament mit-tul ta' żmien tal-assenjazzjoni. F'konformità mad-direttiva, il-ħaddiema tal-aġenziji għandhom **aċċess għal kwalunkwe faċilità kollettiva fl-impriża tal-utent**, b'mod partikolari kwalunkwe kantin, faċilitajiet għall-kura tat-tfal u servizzi ta' trasport, taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-ħaddiema impjegati direttament mill-kumpanija, sakemm ma jkunx hemm differenza fit-trattament li tkun iġġustifikata minn raġunijiet oġġettivi.

Barra minn hekk, sabiex jitjieb l-iżvilupp fil-karrieri, l-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu miżuri, inkluż il-promozzjoni tad-djalogu soċjali, biex itejbu l-**aċċess għat-taħriġ** għall-ħaddiema tal-aġenziji fl-aġenziji tax-xogħol temporanju, anki fil-perjodi bejn l-assenjazzjonijiet, kif ukoll l-aċċess tagħhom għat-taħriġ imfassal għall-persunal tal-impriżi tal-utenti.

Rappreżentazzjoni tal-ħaddiema tal-aġenziji u informazzjoni dwar ir-rappreżentanti tal-ħaddiema

F'dak li hu t-twaqqif tal-kunsilli tax-xogħol, il-ħaddiema temporanji impjegati permezz tal-aġenziji jitqiesu bħala li huma ħaddiema tal-aġenzija. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jqisuhom bħala ħaddiema tal-impriża tal-utent.

L-impriża tal-utent għandha tipprovdi informazzjoni xierqa lill-kunsill tax-xogħol tagħha dwar l-użu tal-ħaddiema temporanji tal-aġenziji meta jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni tax-xogħol fl-impriża.



© iStock